Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 10.12.2004
COM(2004)793 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Implimentazzjoni ta' Assistenza Finanzjarja Straordinarja lill-Armenja, il-Ġeorġja u t-Taġikistan

{SEG(2004)1635}

1. INTRODUZZONI

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/787/KE tas-17 ta' Novembru 1997 li tipprovdi assistenza finanzjarja straordinarja lill-Armenja u l-Ġeorġja, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/244/KE ta' l-20 ta' Marzu 2000 li testendi l-għajnuna għat-Taġikistan, tispeċifika fl-Artikolu 1 (3) li l-perijodu li matulu l-komponent ta' l-għotja għall-assistenza jkun disponibbli għall-pajjiżi benefiċjarji f'porzjonijiet suċċessivi jispiċċa fl-2004. Barra minn hekk, fl-Artikolu 5 (2), id-Deċiżjoni tgħid li "*Qabel il-31 ta' Diċembru 2004, il-Kunsill għandu jeżamina l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni sa dik id-data fuq il-bażi ta' rapport dettaljat min-naħa tal-Kummissjoni li għandu jkun ippreżentat ukoll lill-Parlament Ewropew."* Ir-Rapport attwali kien ippreparat b'applikazzjoni tad-dispożizzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill.

2. L-ISFOND U L-KARATTERISTIĊI PRINĊIPALI TAL-PROGRAMM TA' L-EFA GĦALL-ARMENJA, IL-ĠEORĠJA U T-TAĠIKISTAN

Il-programm ta' assistenza finanzjarja straordinarja (EFA) favur l-Armenja, il-Ġeorġja u t-Taġikistan kien immirat lejn appoġġ finanzjarju lil dawn it-tliet pajjiżi li qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' ċerti sfidi ekonomiċi u soċjali, partikularment kritiċi, fl-ambitu tar-riformi u t-transizzjoni għall-ekonomija tas-suq implimentata bl-appoġġ ta' l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (IFIs). Sakemm tlesta l-programm ta' l-EFA, l-Armenja u l-Ġeorġja ġa kienu qegħdin jimplimentaw programmi dettaljati ta' aġġustament u riforma bil-konċessjoni ta' l-*Enhanced Structural Adjustment Facility* (ESAF) ta' l-IFM. It-Taġikistan kien għadu fl-ewwel stadji tat-tħejjija ta' programm simili.

Fattur partikulari fl-implimentazzjoni ta' dawn il-programmi kien l-eżistenza ta' arretrati ta' pagamenti esterni kbar dovuti lill-Komunità li oriġinaw mis-self li għamlet il-Komunità lit-tliet pajjiżi kmieni fid-Disgħinijiet. Bla dubju, dawn l-arretrati kellhom jitħallsu sabiex l-Armenja, il-Ġeorġja u t-Taġikistan setgħu jiddedikaw ir-riżorsi finanzjarji disponibbli kollha sabiex iseħħu r-riformi u sabiex jitnaqqsu d-diffikultajiet soċjali li nħolqu minħabba l-miżuri ta' awsterità involuti.

F'Novembru ta' l-1997, il-Kunsill adotta l-ewwel deċiżjoni fuq programm ta' l-EFA favur l-Armenja u l-Ġeorġja (Deċiżjoni tal-Kunsill 97/87/KE). B'din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni offriet pakkett finanzjarju liż-żewġ pajjiżi li kien jikkonsisti f'taħlita ta' self fuq perijodu twil u għotjiet diretti. Il-komponent ta' self ammonta għal massimu ta' EUR 170 miljun, għal 15-il sena b'konċessjoni ta' 10 snin. Il-komponent ta' l-għotja kien jikkonsisti f'għotja sa EUR 85 miljun, li kellha titqassam matul il-perijodu ta' l-1997-2002 f'porzjonijiet suċċessivi. L-Armenja u l-Ġeorġja kellhom jirċievu self u għotjiet ta' EUR 28 u 110 miljun (self) u EUR 30 u 55 miljun (għotjiet), rispettivament.

Meta ttieħdet id-Deċiżjoni dwar l-EFA favur l-Armenja u l-Ġeorġja, il-Kunsill qabel li jikkunsidra operazzjoni simili favur it-Taġikistan malli ċ-ċirkustanzi jippermettu. Għaldaqstant, meta, ftit wara, it-Taġikistan beda programm ta' aġġustament u riforma bl-appoġġ ta' l-IFIs (arranġament finanzjarju mal-IFM taħt l-ESAF kien approvat f'Ġunju ta' l-1998), il-Kummissjoni għamlet proposta biex testendi l-programm lit-Taġikistan. F'Marzu ta' l-2000, kienet adottata Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 97/787/KE għal dan il-għan (Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/244/KE). It-Taġikistan ingħata assistenza finanzjarja totali sa EUR 95 miljun (self ta' EUR 60 miljun u għotjiet ta' EUR 35 miljun). L-istess Deċiżjoni

tal-Kunsill ħasbet għaż-żieda ta' l-ammont globali ta' l-għoti ta' assistenza lill-Ġeorġja għal EUR 65 miljun u tawwlet il-perijodu ta' l-implimentazzjoni tal-programm sa l-2004.

Il-programm ta' l-EFA kien maħsub bħala finanzjament li jikkomplementa dak ta' l-IFIs. Il-ħlasijiet saru bil-kondizzjoni li l-benefiċjarji setgħu juru li kienu qegħdin jimplimentaw l-arranġamenti finanzjarji tal-IFM b'mod sodisfaċenti. Fl-istess ħin, l-għan uniku tal-programm li jassigura s-sostenibbiltà finanzjarja u jħalli lill-benefiċjarji jnaqqsu d-dejn barrani tagħhom, kien rifless fil-konnessjoni bejn il-ħlasijiet ta' assistenza u t-tnaqqis fid-dejn tal-benefiċjarji. Għalhekk, il-ħruġ tas-self u l-għotjiet f'perijodi suċċessivi saru wara li l-benfiċjarji kienu ħallsu l-ammonti kollha dovuti lill-Komunità. Il-ħlas suċċessiv ta' l-ammonti ta' għotjiet huwa marbut mar-rimborż antiċipat tad-dejn tal-benefiċjarji lill-Komunità, li oriġina mis-self mogħti taħt il-programm ta' l-EFA. Wieħed mill-għanijiet tal-programm kien li jħalli lill-benefiċjarji jilħqu ċertu punt fi tmiem il-perijodu ta' l-implimentazzjoni ta' l-EFA fejn l-obbligi finanzjarji lejn il-Komunità jixxejnu jew ikunu mnaqqsa sostanzjalment minn kif kienu fil-bidu.

Il-ħlasijiet ta' l-għotjiet f'porzjonijiet (barra l-ewwel kwota) huma kkondizzjonati wkoll mit-twettiq ta' miżuri ta' politika strutturali miftehma miż-żewġ partijiet. Il-kondizzjonijiet strutturali li jridu jitwettqu biex tingħata l-EFA huma bbażati fuq il-programmi ekonomiċi ta' l-awtoritajiet u huma mmirati b'mod partikulari lejn it-titjib tas-sostenibbiltà barranija tal-benfiċjarji. Oqsma partikulari jaqgħu fil-mira tal-Kummissjoni minħabba l-kondizzjonijiet strutturali u fosthom insibu, ir-riformi fis-settur tal-finanzi pubbliċi, l-amministrazzjoni pubblika (inkluża l-ġlieda kontra l-korruzzjoni), is-settur finanzjarju, il-privatizzazzjoni, il-kontroll ta' korporazzjoni, eċċ. Tista' tinkludi ukoll miżuri speċifiċi li jirriflettu l-prijoritajiet tal-Komunità fir-relazzjonijiet bilaterali mal-benifiċjarji, eż., miżuri fl-oqsma tal-politika kummerċjali jew f'bosta oqsma ta' kooperazzjoni ekonomika inklużi fil-ftehimiet ta' kooperazzjoni bilaterali. Fit-tabella 1 ta' l-Anness ta' dan ir-Rapport hemm sommarju ta' l-oqsma ta' politika strutturali li qegħdin fil-mira tal-Kummissjoni permezz tal-kondizzjonijiet strutturali marbuta ma' l-element ta' l-għotja ta' l-assistenza lit-tliet pajjiżi.

3. IMPLIMENTAZZJONI TAD-DEĊIŻJONI TA' L-1997/2000

3.1. Qafas Istituzzjonali

Wara l-adozzjoni mill-Kunsill tad-Deċiżjoni dwar l-EFA lill-Armenja u l-Ġeorġja, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet taż-żewġ pajjiżi nnegozjaw it-termini u l-kondizzjonijiet ta' l-operazzjoni. Il-parametri ġenerali ta' l-operazzjonijiet, bħal, per eżempju, l-ammonti massimi u meta l-porzjonijiet annwali ta' l-għotjiet jingħataw u r-rimborż antiċipat tad-dejn, kienu preskritti fil-Memoranda ta' Ftehim konklużi, f'isem il-Komunità, mill-Kummissjoni u mill-Gvernijiet u l-Banek Ċentrali tal-benefiċjarji. Kondizzjonijiet finanzjarji speċifiċi relatati mas-self kienu preskritti fil-Ftehim ta' Self konkluż fl-istess żmien. Eventwalment, l-Memoranda ta' Ftehim, u l-Ftehim ta' Self kienu ffirmati f'Diċembru ta' l-1997 (mal-Ġeorġja) u f'Diċembru ta' l-1998 (ma' l-Armenja). Wara l-adozzjoni tad-Direttiva 2000/244/KE, l-Memoranda ta' Ftehim, u l-Ftehim ta' Self bejn il-Kummissjoni u t-Taġikistan kienu konklużi f'Jannar ta' l-2001. Sabiex ikunu jidhru l-estensjoni fit-tul tal-programm u ż-żieda fl-ammont totali tal-għotjiet lill-Ġeorġja, Memoranda ta' Ftehim ġodda kienu ffirmati ma' l-Armenja (f'Awwissu ta' l-2001) u mal-Ġeorġja (Lulju ta' l-2001).

Fit-Tabella 2 ta' l-Anness hemm imniżżla l-parametri bażiċi ta' l-operazzjonijiet ta' l-EFA favur it-tliet pajjiżi preskritti fil-Memoranda ta' Ftehim (dawk riveduti għall-Armenja u l-

Ġeorġja). Kien maħsub li sa tmiem l-implimentazzjoni tal-programm, l-Armenja ma kien ikollha l-ebda obbligi finanzjarji pendenti lejn il-Komunità u li l-obbligi finanzjarji tal-Ġeorġja u t-Taġikistan ikunu tnaqqsu sa livelli sostenibbli.

L-implimentazzjoni tal-programm ta' l-EFA bejn l-1998 (bidu tal-ħlasijiet lill-Armenja u l-Ġeorġja) u t-tielet kwart ta' l-2004, flimkien ma' l-intenzjonijiet tal-Kummissjoni għall-bqija tas-sena kurrenti u l-bidu ta' l-2005 huma spjegati hawn taħt. It-Tabelli 3 u 4 ta' l-Anness jagħtu r-riżultati kwantitattivi tal-programm.

3.2. L-Armenja

L-implimentazzjoni tal-programm ta' l-EFA favur l-Armenja bdiet f'Diċembru ta' l-1998, meta l-Armenja ħallset l-arretrati kollha li kellha mal-Komunità (EUR 51 miljun). Riżultat ta' dan, il-Kummissjoni setgħet toħroġ il-ħlasijiet tas-self il-ġdid (EUR 28 miljun) u l-ewwel kwota ta' l-għotjiet (EUR 8 miljuni).

Kwota oħra ta' l-għotjiet (ta' EUR 4 miljuni) tħallset lill-Armenja fl-1999-2000. Il-ħlas li sar f'Diċembru ta' l-1999, kien ibbażat fuq ir-riżultati tal-verifika tal-kondizzjonijiet u kemm dawn kienu twettqu, li seħħet f'Lulju ta' l-1999. Min-naħa tagħha, l-Armenja kien irnexxielha tnaqqas id-dejn nett mal-Komunità b'EUR 5 miljuni. L-implimentazzjoni tal-programm kienet interrotta fl-2000 minħabba l-fatt li l-Armenja naqset milli tikkonkludi ftehim għal finanzjament ġdid mal-IFM wara l-għeluq tal-ftehim ta' l-ESAF f'Diċembru ta' l-1999. Din tkompliet fl-2001, wara l-approvazzjoni mill-bord tal-IFM ta' programm ġdid ta' tliet snin taħt il-*Poverty Reduction and Growth Facility* (PRGF – l-istrument li ħa post l-ESAF) f'Mejju ta' l-2001. Dan l-ftehim kellu jagħlaq f'Diċembru ta' l-2004.

Taħt il-qafas ta' politika stabbilit mill-programm tal-PRGF, il-Kummissjoni wettqet b'suċċess, tliet missjonijiet ta' verifika li jikkorrispondu mat-tliet porzjonijiet annwali ta' l-EFA – f'Ġunju ta' l-2001, f'Ġunju ta' l-2002 u f'Diċembru ta' l-2003. Kull darba, l-ammonti tal-porzjonijiet u r-rimborż antiċipat kienu stabbiliti f'EUR 5.5 u 7 miljuni rispettivament. Il-pagamenti korrispondenti saru kmieni fl-2002, tard fl-2002 u f'Ġunju ta' l-2004. Bħala riżultat ta' dawn l-operazzjonijiet, id-dejn li l-Armenja għandha lejn il-Komunità tnaqqas b'EUR 2 miljuni. Il-ħlas ta' l-aħħar kwota taħt il-programm ta' l-EFA (EUR 1.5 miljuni) mistenni li jsir fl-2005, meta l-Armenja tkun ħallset lura l-aħħar parti tas-self li ngħatalha mill-Komunità fl-1998. B'dan il-mod, kmieni s-sena d-dieħla mistenni li l-programm ta' l-EFA lill-Armenja jkun laħaq għal kollox l-għanijiet tiegħu kemm rigward il-ħlasijiet tal-għotjiet kif ukoll ir-rimborżi antiċipati tad-dejn (l-Armenja tkun ikkanċellat il-dejn kollu li kellha mal-Komunità).

3.3. Il-Ġeorġja

L-implimentazzjoni tal-programm ta' l-EFA favur il-Ġeorġja bdiet fl-Lulju 1998, meta l-Ġeorġja kienet ħallset l-arretrati li kellha mal-Komunità (EUR 131 miljun) u bħala konsegwenza l-Komunità tat is-self miftiehem ta' EUR 110 miljuni u l-ewwel kwota ta' l-għotja ta' EUR 10 miljuni.

It-tieni kwota ta' l-għotja (EUR 9 miljuni) ingħatat f'Settembru ta' l-1999, wara li l-Ġeorġja ħasbet biex tagħmel rimborż antiċipat ta' EUR 10 miljuni biex tnaqqas mid-dejn li għandha mal-Komunità. L-implimentazzjoni tal-programm kienet interrotta fl-2000 minħabba l-fatt li l-awtoritajiet tal-Ġeorġja ma setgħux jilħqu ftehim mal-IFM dwar arranġament finanzjarju ġdid (l-ESAF ta' l-1996 għalaq f'Awwissu ta' l-1999) u kompliet biss f'Jannar ta' l-2001.

Minħabba li fir-riformi strutturali u l-effiċjenza makro-ekonomika l-Ġeorġja mhux dejjem kellha riżultati pożittivi, il-Kummissjoni ddeċidiet għalhekk, li tagħti parti biss tal-kwota għall-2001 (EUR 6 miljuni) u tagħti l-kumplament (EUR 5.5 miljuni) bil-kondizzjoni li jitwettaq progress fir-riformi strutturali. Qabel il-ħlas ta' l-ewwel kwota parzjali f'Diċembru ta' l-2001, il-Ġeorġja għamlet rimborż anticipat lill-Komunità ta' EUR 8 miljuni. Sussegwentement, minħabba d-deterjorament gravi tas-sitwazzjoni politika fil-Ġeorġja fit-tieni nofs ta' l-2001, ftit li xejn kien hemm progress fir-riformi strutturali għal parti kbira ta' dik is-sena. L-implimentazzjoni tal-programm ta' l-EFA kienet imwaqqfa bosta drabi, iżda tkompliet fl-2004 wara l-bidla politika li seħħet fil-Ġeorġja f'Novembru ta' l-2003.

Il-gvern il-ġdid tal-Ġeorġja ta bidu għal serje ġdida ta' aġġustamenti u riformi. L-istrateġija ta' l-awtoritajiet il-ġodda tal-pajjiż irċeviet l-appoġġ ta' l-IFIs – programm PRGF ġdid ta' tliet snin u krediti ġodda ta' aġġustament kienu approvati rispettivament mill-IFM u l-Bank Dinji f'Ġunju li għadda u mill-komunità internazzjonali tad-donaturi. Il-programm ta' l-EFA ukoll reġa' qabad minn fejn kien ħalla. L-ewwel pass ikun il-ħlas ta' kwota tal-ħruġ ta' EUR 6.5 miljuni, ibbażat fuq ir-riżultati tal-verifika tal-politika, li saret lejn it-tmiem ta' l-2002, li iżda qatt ma ntemmet (ftit wara l-verifika, l-programm appoġġjat mill-IFM ma baqax miexi kif suppost u l-ħlas kien ikkanċellat). Qabel ma jsir il-ħlas ta' l-għotja li jmiss, il-Ġeorġja jkollha tagħmel rimborż anticipat ta' somma identika ma' dik tas-self li tatha l-Komunità fl-1998. Bħala riżultat ta' din l-operazzjoni, il-ħlasijiet ta' l-EFA lill-Ġeorġja sejrin jilħqu EUR 31.5 miljun (minn ammont massimu ta' EUR 65 miljun.) u l-Ġeorġja tkun naqqset id-dejn li għandha mal-Komunità bis-somma ta' EUR 24.5 miljun.

L-awtoritajiet tal-Ġeorġja jixtiequ li jieħdu vantaġġ minn dan l-ambjent favorevoli ta' politika ekonomika biex tkompli tnaqqas il-pożizzjoni tagħha ta' debitur nett lejn il-Komunità, u b'hekk tkun f'pożizzjoni aħjar li ttejjeb is-sostenibbiltà tad-dejn ta' terminu medju. F'din il-prospettiva, l-istess awtoritajiet ġa talbu lill-UE biex titkompla l-implimentazzjoni ta' l-EFA u jaħsbu li l-għajnuna finanzjarja mill-Komunità tista' tgħin lill-pajjiż inaqqas id-dejn barrani tiegħu għal livelli aktar sostenibbli.

3.4. It-Taġikistan

L-implimentazzjoni tal-programm fit-Taġikistan bdiet f'Marzu ta' l-2001 meta l-Komunità ħarġet self ġdid (EUR 60 miljun) u ħallset l-ewwel kwota ta' l-għotja (EUR 7 miljuni). Qabel ma t-Taġikistan setgħet tirċievi dawn il-ħlasijiet kellha tħallas ammont ta' kważi EUR 79 miljun f'arretrati lill-Komunità.

Kwota oħra ta' EUR 7 miljuni ngħatat f'Diċembru ta' l-2001. Ir-rimborż anticipat lill-Komunità tad-dejn tal-pajjiż kien stabbilit f'EUR 8 miljuni, li huwa ħafna inqas mill-ammonti massimi ta' rimborżi anticipati stabbiliti fil-Memoranda ta' Ftehim (EUR 12-miljun). Il-Kummissjoni sostniet li s-sitwazzjoni finanzjarja tat-Taġikistan iġġustifikat id-deċiżjoni li l-pożizzjoni ta' debitur nett seta' jitnaqqas b'ammonti iżgħar.

Il-Kummissjoni wettqet żewġ programmi oħra ta' verifika fit-Taġikistan – fl-2002 (Ġunju) u fl-2004 (Marzu u Ġunju). Il-ħlas tat-tielet kwota annwali sar kmieni fl-2003, wara l-approvazzjoni mill-IFM ta' arranġament ġdid PRGF li ħa post il-programm preċedenti ESAF/PRGF li kien għalaq f'Diċembru ta' l-2001. Dan l-arranġament il-ġdid jagħlaq f'Diċembru ta' l-2005. Il-ħlas tar-raba' kwota maħsub li jsir qabel it-tmiem ta' l-2004. Iż-żewġ porzjonijiet jammontaw għal EUR 7 miljuni u jingħataw jekk isir rimborż anticipat ta' EUR 8 miljuni (ammonti li huma konsistenti mal-limitazzjonijiet tal-finanzjament tal-pajjiż).

Kwota oħra ta' EUR 7 miljuni mistennija li tingħata kmieni fl-2005. L-ammont tar-rimborż antiċipat korrispondenti jkun iddeterminat meta ssir il-verifika tal-programm. Bħala riżultat ta' l-operazzjonijiet fl-2004 u kmieni fl-2005, l-ammont kollu ta' l-għotja mmirata lejn it-Taġikistan tkun intużat. Id-dejn tat-Taġikistan mal-Komunità mistenni li jinżel għal EUR 28 miljun (jekk ir-rimborż antiċipat ikun għal darba oħra ta' EUR 8 miljuni).

Bħala prospettiva, jidher li t-Taġikistan sejjer ikompli bil-politika ta' rimborżi antiċipati lill-Komunità bil-għan li jtejjeb is-sostenibbiltà tad-dejn ta' terminu medju. Biex dan iseħħ, x'aktarx li trid titkompla l-EFA.

4. RIŻULTATI EKONOMIĊI TAL-PROGRAMM TA' L-EFA

Il-programm ta' assistenza finanzjarja straordinarja wassal ħafna benefiċċji lill-Armenja, il-Ġeorġja u t-Taġikistan billi għen fil-proċessi ta' aġġustament u riforma fit-tliet pajjiżi f'kuntest wiesa' ta' appoġġ fiannzjarju mill-IFIs. Il-kontribuzzjoni ta' l-EFA x'aktarx kien l-aktar deċiżiv fl-ambitu ta' l-appoġġ li t-tliet pajjiżi rċevew biex inaqqsu d-dejn barrani u, għaldaqstant, itejbu s-sostenibbiltà finanzjarja barranija fuq perijodi twal u medji. Matul l-ewwel fażi ta' l-implimentazzjoni (l-għoti ta' self u l-ewwel porzjonijiet ta' l-għotjiet), l-Armenja, il-Ġeorġja u t-Taġikistan setgħu jaqtgħu l-arretrati kbar li għandhom fuq il-krediti Komunitarji u b'dan il-mod jinnormalizzaw ir-relazzjonijiet finanzjarji ma' l-Unjoni Ewropea u b'mod ġenerali, mal-komunità tad-donaturi. Permezz tal-ħlas ta' għotjiet suċċessivi, it-tliet pajjiżi setgħu jkomplu jnaqqsu id-dejn li għandhom mal-Komunità u b'hekk, jilħqu pożizzjoni finanzjarja sostenibbli. Dan japplika l-iżjed għall-Armenja u t-Taġikistan. Meta nbeda l-programm, id-dejn li kellha l-Armenja mal-Komunità kien jaqbeż EUR 50 miljun, iżda bis-saħħa tiegħu mistenni li dan id-dejn jixxejjen għal kollox. Fil-każ tat-Taġikistan, id-dejn kien ilaħħaq EUR 80 miljun u issa mistenni li jonqos sa EUR 30 miljun. Ir-riżultati fil-każ tal-Ġeorġja huma aktar modesti; il-pajjiż xorta jkun jaf lill-Komunità aktar minn EUR 85 miljun (meta mqabbel mas-somma preċendenti ta' 'l fuq minn EUR 130 miljun fl-1998).

Il-kontribuzzjoni ta' l-EFA min-naħa tal-Komunità lill-komponenti l-oħra tal-proċessi ta' aġġustament u riforma fil-paijjiżi benefiċjarji seħħet, prinċipalment, minħabba l-appoġġ mogħti lill-politiki strutturali partikulari fil-kuntest ta' l-impożizzjoni ta' kondizzjonijiet speċifiċi (ara ukoll is-sezzjoni 2 u Tabella 1 ta' l-Anness). Din il-kontribuzzjoni trid tkun eżaminata fil-kuntest ta' qafas aktar ġenerali tal-valutazzjoni tal-progress u r-riforma ekonomika matul is-snin ta' l-implimentazzjoni tal-programm.

Fl-**Armenja**, l-ekonomija kienet ġa bdiet tistejqer fl-1995 u kompliet permezz tal-ftehim ESAF/PRGF mal-IFM tas-snin 1996-1999. Kien proprju f'dan il-punt kruċjali fl-ekonomija ta' l-Armenja li nbeda l-programm ta' l-implimentazzjoni ta' l-EFA. Mill-1998, l-iżvilupp fl-Armenja laħaq medja ta' 9% fis-sena u l-iżbilanċi makro-ekonomiċi tnaqqsu ħafna. L-Armenja rnexxielha ukoll timplimenta b'suċċess medda sħiħa ta' riformi strutturali fl-oqsma tat-tassazzjoni u l-amministrazzjoni finanzjarja pubblika, ir-ristrutturar ta' l-intrapriżi, il-privatizzazzjoni u s-settur bankarju. Bosta riformi strutturali importanti rċevew l-appoġġ tal-Komunità permezz ta' l-impożizzjoni ta' kondizzjonijiet marbuta mal-ħlas ta' l-għotjiet mill-EFA. Peress li uriet titjieb fir-riżultati makro-ekonomiċi u progress fir-riformi strutturali, l-Armenja issa x'aktarx li qiegħda f'pożizzjoni tajba li tkompli fit-triq ta' l-iżvilupp sostenibbli u tkabbir ekonomiku.

Għall-parti l-kbira tal-perijodu kopert mill-EFA, ir-riżultati milħuqa mill-**Ġeorġja** fl-implimentazzjoni ta' politiki ta' aġġustament u riforma, kienu diżappuntanti, minkejja xi

suċċessi (eż. fir-regolazzjoni u s-superviżjoni bankarja). B'mod partikulari, wara l-ewwel mewġa ta' riformi fil-perijodu kopert mill-ewwel programm ESAF/PRGF tal-IFM, ftit kien hemm titjib fil-kwalità tal-gvern u t-tmexxija makro-ekonomika (l-aktar fiskali). Mingħajr ambjent tajjeb ta' politika, il-progress lejn l-irpiljar ekonomiku u s-sostenibbiltà fil-Ġeorġja mxew b'ritmu anqas mgħaġġel meta mqabbel ma' l-Armenja. Madankollu, is-sitwazzjoni issa hija pjuttost differenti. Wara l-bidla politika li seħħet fl-aħħar parti ta' l-2003, l-awtoritajiet il-ġodda tal-Ġeorġja taw bidu għal programm ta' aġġustament u riforma qawwija li kien immirat prinċipalment lejn żewġ oqsma li minħabba fihom, fl-imgħoddi reċenti, il-pajjiż kien qala' l-akbar kritika – il-kontroll u l-immaniġġjar fiskali. Matul dawn l-aħħar tnax-il xahar kien hemm progress sostanzjali f'dawn iż-żewġ oqsma.

Matul l-aħħar erba' snin ta' implimentazzjoni tal-programm ta' l-EFA fit-**Taġikistan**, il-pajjiż wera riżultati mill-aħjar. Is-sitwazzjoni ekonomika ġenerali mxiet 'il quddiem b'mod sostanzjali: żvilupp li kważi laħaq l-10% fis-sena, il-politika fiskali u monetarja ssaħħet, id-defiċit tal-kont kurrenti naqas u d-dejn barrani jinsab f'livelli aktar sostenibbli. Barra dan, ingħata bidu għal għadd konsiderevoli ta' riformi strutturali ta' l-ewwel ġenerazzjoni (eż., il-liberalizzazzjoni tal-prezzijiet u l-kummerċ, il-privatizzazzjoni). Il-Komunità appoġġat bosta politiki strutturali importanti permezz ta' l-impożizzjoni ta' kondizzjonijiet għall-assistenza finanzjarja tagħha. Fil-futur qarib, il-kondizzjonijiet ekonomiċi fit-Taġikistan mistennija jibqgħu favorevoli. Dan għandu jiffaċilita l-implimentazzjoni ta' ħafna mir-riformi strutturali li kienu antiċipati fil-programm PRSP u dak PRGF, dejjem jekk l-għajnuna finanzjarja mill-IFIs u l-komunità tad-donaturi ma titwaqqafx.

L-iżviluppi u l-politiki speċifiċi għall-pajjiżi interessati matul dan il-perijodu, kemm fil-qasam ta' l-immaniġġjar makro-ekonomiku u finanzjarju kif ukoll f'dak tar-riformi strutturali, huma deskritti fid-dettall fid-dokument ta' ħidma tas-servizzi Komunitarji anness ma' dan ir-rapport.

5. KONKLUŻJONI

Fil-qofol, il-valutazzjoni tar-riżultati ta' l-implimentazzjoni tal-programm mill-Kummissjoni tista' tingħabar kif ġej. Bla dubju l-programm ta' l-EFA għen lill-Armenja, il-Ġoerġja u t-Taġikistan jimxu lejn ir-riforma u s-sostenibbiltà finanzjarja. Madankollu, fil-każ tal-Ġeorġja, l-għanijet tal-bidu ma ntlaħqux għal kollox u l-istess jista' jingħad għat-Taġikistan ukoll jekk mhux sa l-istess estrem. Minkejja xi titjib, l-obbligi finanzjarji ta' dawn iż-żewġ pajjiżi lejn il-Komunità jibqgħu konsiderevoli, u b'mod aktar ġenerali, is-sostenibbiltà tad-dejn fuq perijodi twal u medji ma ntlaħqitx. Il-proporzjon tad-dejn meta mqabbel mad-dħul u l-prodott gross domestiku (PGD) jibqa' għoli wkoll jekk iż-żieda rapida fid-dħul tal-gvern rigward l-PGD hija assumibbli biss. Finalment, iż-żewġ pajjiżi jibqgħu jiddependu fuq l-assistenza barranija biex jimplimentaw riformi strutturali fil-kuntest tat-tnaqqis tal-faqar u l-istrateġiji li jwasslu għall-iżvilupp.

Iżda, minħabba l-iżviluppi ekonomiċi favorevoli fil-Ġeorġja u t-Taġikistan u l-ambjent ta' politika ekonomika mtejjeb fiż-żewġ pajjiżi, il-prospetti għall-kisba tal-progress fir-riformi u s-sostenibbiltà finanzjarja barranija tjiebu ħafna. F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-sostenn finanzjarju barrani għandu opportunitajiet għal suċċess akbar.

Sabiex titkompla u tintemm l-aġenda tal-programm ta' l-EFA, il-Kummissjoni bi ħsiebha tressaq proposti għal azzjonijiet supplimentari. L-għan ta' tali azzjonijiet huwa biex isostnu t-tkomplija u t-tħaffif tar-riformi ekonomiċi u, b'mod partikulari biex jgħinu lill-Ġeorġja u t-

Taġikistan jimplimentaw politiki aktar ambizzjużi biex inaqqsu d-dejn. Il-Kummissjoni tiddeċiedi jekk tressaqx proposti marbuta ma' l-azzjonijiet supplimentari wara li tkun ikkunsidrat numru ta' parametri, li jinkludu, minbarra l-ħtiġiet finanzjarji assoċjati mar-rimborżi antiċipati, il-kwalità ġenerali tal-politika ekonomika, l-impenn politiku ta' l-awtoritajiet u l-konsistenza fl-appoġġ mill-Komunità biex jitnaqqas id-dejn bl-għajnuna wkoll tal-krediturі uffiċjali (fil-każ tal-Ġeorġja).

Barra dan, il-Kummissjoni bi ħsiebha tintegra mill-viċin azzjonijiet supplimentari possibbli ta' assistenza finanzjarja mal-pajjiżi tar-reġjun u l-appoġġ għar-riformi ekonomiċi u politiċi.

ANNESS

Table 1

Main areas of structural conditionality in EFA programme 1998-2004

	Armenia	Georgia	Tajikistan
Public finances			
Tax administration	+	+	+
Budgetary planning (incl. MTEF)	+		
Budget expenditure and treasury system (incl. arrears)	+	+	+
Public debt management			+
Quasi-fiscal deficits	+		+
Business climate			
Improving legislation and regulatory environment	+	+	
International Accounting Standards	+		+
Civil Service reform			
public sector employment	+		
anti-corruption	+	+	+
Privatisation and restructuring of public enterprises			
small scale privatisation	+	+	+
medium and large state-owned enterprises	+	+	+
incl. Energy utilities	+	+	+
Telecommunications		+	
Transport infrastructure		+	
Industrial enterprises	+	+	+
Banking sector			
restructuring/privatisation of state-owned banks	+	+	+
Prudential regulations and banking supervision	+	+	+
Agricultural reform			
Land ownership	+	+	+
Restructuring of state farms			+
Trade policy			
Trade legislation	+	+	
Specific EU-related trade policy measures		+	

Table 2

Overview of the Community EFA to Armenia, Georgia and Tajikistan

in million EUR

	Armenia	Georgia	Tajikistan
Settlement of arrears	51	131	79
New loan	28	110	60
Total grants (up to)	30	65	35
Initial tranche (disbursed simultaneously with the loan)	8	10	7
Cumulated annual tranches	22	55	28
Early debt repayment foreseen (up to)	28	81	48
Outstanding debt to EC foreseen at end of prog.	-	29	12

Table 3

Implementation of the Community EFA to Armenia, Georgia and Tajikistan - Detail

in million EUR

	1998	1999	2001	2002	2003	2004		2005	Total
						Q1-Q3	Q4 (**)	(***)	
Armenia									
Grant disbursement									
planned (*)	8	4	5.5	5.5	5.5	1.5			30
actual	8	4		11		5.5		1.5	30
Early debt repayment									
planned (*)		5	7	7	7	2			28
actual		5		14		7		2	28
Georgia									
Grant disbursement									
planned (*)	10	9	11.5	11.5	11.5	11.5			65
actual	10	9	6				6.5		31.5
Early debt repayment									
planned (*)		10	15.5	18.5	18.5	18.5			81
actual		10	8				6.5		24.5
Tajikistan									
Grant disbursement									
planned (*)			14	7	7	7			35
actual			14		7		7	7	35
Early debt repayment									
planned (*)			12	12	12	12			48
actual			8		8	8	8		32

(*) For years 2001-2004, in Memoranda of Understanding concluded in 2000-2001.

(**) Operations under preparation. Payments to be made before the end of 2004.

(***) Payments to be made un 2005 based on budgetary commitments to be made in 2004 (Q4).

Table 4

Implementation of Community EFA to Armenia, Georgia and Tajikistan - Summary

in million EUR

		Made 1998-2004		Under prep.	Commitment	Total
		Initial tr.	Annual tr.	2004	foreseen (2004)	
Armenia						
	grant disbursements	8	20.5		1.5	30
	early debt repayments		26		2	28
pm -	outstanidng debt to EC (end programme)					-
Georgia						
	grant disbursements	10	15	6.5		31.5
	early debt repayments		18	6.5		24.5
pm -	outstanidng debt to EC (end programme)					85.5
Tajikistan						
	grant disbursements	7	14	7	7	35
	early debt repayments		16	8	8	32
pm -	outstanidng debt to EC (end programme)					28
Total						
	grant disbursements	25	49.5	13.5	8.5	96.5
	early debt repayments		60	14.5	10	84.5